MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 4/2014

**George Borg**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tat-22 ta' Jannar 2014, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"L-Arbitru*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkonsidra*

*Illi b'ittra datata 25 ta' Ottubru 2011 l-appellant ġie mitlub jirrifondi s-somma ta' €6354.12 għall-perjodu 18 ta' Marzu 2009 – 27 ta' Awwissu 2010 imħallsa bħala għajuna għal disimpjieg.*

*Illi ġie interpost appell b'ittra datata 7 ta' marzu 2012.*

*Illi d-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 25 ta' Marzu 2013.*

*Illi d-Dipartiment eċepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 108 (3) tal-Kap 318 għaddew aktar minn 30 ġurnata.*

*Mill-ewwel allega fl-istess appell tiegħu illi kien irċieva fl-20 ta' Frar 2012 u l-appell wasal fit-12 ta' Marzu 2012.*

*Fil-meritu, l-appellant naqas li jagħti l-informazzjoni debita rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu. Naqas li jiddikjara l-kariga tiegħu ta' direttur f'żewġ kumpaniji – Verdala Jewellers Ltd u Verdala Antiques Ltd. Allega li kienu non trading u ma setgħux jiġu likwidati. Kien għalhekk għadu reġistrat mal-ETC. Biex jingħalaq impjieg in-numri tal-VAT u tat-taxxi tal-istess kumpaniji. Sussegwentament jibda jirregistra taħt l-ewwel parti. Dana l-appellant ma għandux.*

*L-appell qed jiġi milqugħ"*

Minn din is-sentenza qiegħed jappella id-Direttur bl-aggravju illi l-Arbitru naqas milli jagħti l-motivazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu kif ukoll illi għamel apprezzament ħażin tal-liġi u tal-provi prodotti.

Huwa importanti ghall-ahjar ezami ta' l-ilmenti appena riprodotti illi jigu ri assunti fil-qosor il-fatti tal-kaz kif johorgu mill-atti probatorji:-

B'ittra tal-25 ta' Ottubru 2011 id-Direttur appellanti baghat javza lill-appellat illi huwa naqas li jiddikjara li huwa direttur ta' żewġ kumpaniji, Verdala Jewellers Ltd (Nru ta' Reġ C6621) u Verdala Antiques Ltd (Nru ta' Reġ. C17653) u allura fl-assenza tal-Form K, huwa ikkunsidrat f'impjieg. B'hekk gie infurmat illi s-somma ta' €6,354.12 li tħallset f'għajnuna għal disimpjieg u li tkopri l-perjodu bejn it-18 ta' Marzu 2009 sas-27 ta' Awwissu 2010 ma kenitx dovuta, u talbu jirrifondi l-istess.

Premessi dawn il-fatti, bl-aggravju tieghu l-appellanti Direttur tas-Sigurta Soċjali jinvoka n-nullita tad-decizjoni ta' l-Arbitru ghax skont kif kontez minnu, din hi nieqsa mir-ragunijiet li fuqhom giet ibbazata l-istess decizjoni, kif ukoll peress illi huwa saħansitra diffiċli issegwi dak li qiegħed jipprova jiġi trasmess permezz tal-istess deċiżjoni.

Illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ippronunzjat ruhha b'mod kopjuz ghar-rigward ta' dan il-gravam billi jigi spiss ilmentat illi id-decizjonijiet moghtija mit-tribunali bhal ma' hu dak in dizamina ma jkunux sufficjentement immotivati u ma jaghtux ir-raguni li wassal lil gudikant ghad-decizjoni tieghu.

Illi fis-sentenza **<u>Ronnie Gauci vs Direttur ghas-Sigurta Socjali (App.Inf. 06/10/201</u>**) gie deciz in materia:

*"... ghalkemm il-motivazzjoni hi ta' essenza f'kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborata, u tista', anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista' tigi individwata r-raguni li titqieghed abbazi tad-decizjoni. Ara ad ezempju d-decizjoni fl-ismijiet "Joseph Mercieca -vs- Water Services Corporation", Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta' fehma giet, sa recentement hafna, abbraccjata mill-Qorti ta' l-*

*Appell kolleggjali in re: "Frank P. Borg Limited -vs- Joseph Camilleri", 28 ta' Mejju, 2010;*

Ghandu jigi osservat illi f'dik l-istess sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta nghad ukoll illi *"f'adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew tal-punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qieghed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

*Maghdud dan, huwa dejjem opportun li jigi mfakkar ukoll il-principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-meritu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. "Dan mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzonijiet ghalihom" ("Kruger Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Fil-fattispeci, allura, ghaliex il-gravam kien qed jigi michud. Decizjoni din li kellha tkun appoggjata minn motivazzjoni adegwata li tipprovdi s-sodisfazzjoni minimu lill-appellanti ghaliex l-Arbitru jkun wasal ghal dak il-konvinciment tieghu; Ma ghandu qatt jintilef di vista illi s-sufficjenza u r-razzjonalita` talmotivazzjoni timplika logikament ir-raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u rrizultanzi probatorji. Ara f'dan is-sens id-decizjonijiet ta' din il-Qorti flismijiet "***<u>Anthony Galdes Giappone -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali", 9 ta' Jannar, 2009 u "Mary Bonavia -vs- Diretur tas-Sigurta` Socjali", 30 ta' Jannar, 2009</u>***;*

*Dan kollu qieghed jigi sottolinejat in kwantu, skematika kemm hi skematika d-decizjoni appellata de quo, wiehed kien jistenna illi almenu l-Arbitru kellu japprezza, ankorke fl-assjem taghhom, l-elementi ta' prova ta' naha u ta' ohra qabel ma finalment iqieghed in riljev l-aspett singolari spigolat minnhom u hekk bastanti biex jikkjarixxi u adegwatament isostni r-ratio decidendi."*

Illi din il-Qorti tikkondividi bi shih dan l-insenjament gudizzjarju. Illi ma hemmx dubbju illi kien mistenni qabel xejn illi d-deċiżjoni tal-Arbitru tagħmel sens grammatikali u ma tkunx tikkonsisti f'sentenzi li lanqas biss huma kompluti u jieqfu b'mod li ma jagħmel ebda sens!

Lanqas ma taghmel sens guridikament id-deċiżjoni tal-Arbitru. Dan ghaliex kellha, anke jekk permezz ta' riljev qasir, taghti ir-raguni 'il ghala, fil-fehma tieghu, l-appell kellu jiġi milqugħ u għaliex l-appellanti George Borg ma kellux jitqies bħala persuna f'impjieg u li kien għalhekk jistħoqqlu jirċievi l-għajnuna tad-disimpjieg. Fuq kollox dan kien il-kwezit li gie rimess ghall-gudizzju tal-Arbitru, u li jinghad fid-decizjoni b'mod li lanqas biss jagħmel sens illi l-appell qed jintlaqa' minghajr ma jigi indikat almenu fil-qasir il-motivazzjoni li wasslitu ghal tali konkluzjoni ma huwiex sufficjenti sabiex il-vot tal-ligi jigi sodisfatt sabiex id-decizjoni titqies wahda valida.

Dan iwwassal indubbjament ghal nuqqas ta' osservanza ta' dak dispost fl-**artikolu 218 tal-Kapitolu 12**. *Illi dan huwa mehtieg sabiex kwalunkwe gudizzju ikun trasparenti u sabiex il-parti sokkombenti ghal tali gudizzju ikollha kif huwa dritt taghha il-mottiv fattwali u legali li wassal ghal tali decizjoni* **(Appell Civili Numru. 21/2012 ALOYSIA FAVA Vs DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI 16 ta' Dicembru, 2014)**

Kull sentenza tirrikjedi li tkun sostenuta minn motivazzjoni. **Anna Maria Cavallari Vs Direttur tas-Sigurta` Socjali tal-25 ta' Frar, 2015 Appell Civili Numru. 4/2012** "Motivazzjoni din li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox lill-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-

ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni" **Gordon Agius -vs- Avukat Generali et", Appell, 20 ta' Dicembru, 2000**.

Jigifieri, anke jekk mhux elaborata, il-motivazzjoni riedet tkun wahda adegwata, ko-erenti u, almenu, sorretta minn *iter* ta' hsieb intelligibbli. Ġie ritenut ukoll illi "il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita` tal-gudizzju ma jistax jiehu *short cut* fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita`, b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja" - **Michael Gatt -vs- L-Awtorita` ta' l-Ippjanar", 19 ta' Novembru, 2001**.

Id-decizjoni li tat lok ghal dan l-appell taqa' sew fil-kategorija depinta mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena citata. Hi wahda "*short cut*" minghajr spjegazzjoni cara u ko-erenti tar-*ratio decidendi* ta'l-Arbitru. Din il-Qorti ma tistax ghalhekk tqisha sufficjenti u razzjonali biex tkun tista' taghmel raffront bejn ir-raguni tad-decizjoni u r-rizultanzi processwali.

Illi din il-Qorti kienet l-ewwel u qabel kollox tal-inqas tistenna illi s-sentenza tal-Arbitru tkun miktuba b'mod li jista' jinqara u jinftiehem u mhux miktuba b'mod illi ma jagħmilx sens. Inoltre kienet tistenna illi jinghata anke jekk fil-qosor ir-raguni il-ghala l-Arbitru kien qieghed jirrevoka d-decizjoni tad-Direttur billi dan in-nuqqas iwassal necessarjment ghal diffikolta fil-manzjonijiet riposti lil din il-Qorti sabiex taghmel valutazzjoni mill-gdid tal-provi processwali u tanalizza l-konvinzjoni raggunta mill-Arbitru fid-dawl tal-istess.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tilqa’ l-aggravju tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata.

Tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ta’ dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------